**MFIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 13 ta' Ottubru 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna Briffa)**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**vs**
**Keane Gafa**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0370903L)

**Il-Qorti,**

Rat li Keane Gafa ta' għoxrin (21) sena, imwieled fis-sitta (06) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) ġewwa l-Pieta', Malta, iben Adrian Gafa u Eleonor Abela xebba Camenzuli, residenti ġewwa 54, Fuq Verdala, Bormla u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0370903L, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar l-10 t'Ottubru 2024 u matul il-ġranet, ġimghat u x-xhur qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1) *Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 10 ta' Jannar 2024 mill- Qorti Tal-Magistrati (Malta), mill- Magistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D.. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma kuljum gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla bejn l-erbgha ta wara nofsinhar (16:00hrs) u l-ghaxra ta' filghaxija (22:00hrs) u dan bi ksur tal-artiklu 579 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

2) *U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 29 ta Lulju 2024 mill- Qorti Tal-Magistrati (Malta), mill- Magistrat Dr. Astrid May Grima LL.D.. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma kuljum gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla bejn s-sebgha ta' filghodu (07:00hrs) u s-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs) u dan bi ksur tal-artiklu 579 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

3) *U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 4 ta' Novembru 2018 mill- Qorti Tal-Magistrati (Malta), mill- Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D.. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li jiffirma kuljum gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Bormla kull nhar ta Tnejn u Gimgha bejn t-tmienja ta' filghodu (08:00hrs) u t-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) u dan bi ksur tal-artiklu 579 tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Keane Gafa, kif ukoll tordna li s-somma totali ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) bħala depożitu u s-somma ta' ħmistax-il elf u ħames mitt ewro (€15,500) bħala garanzija personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat flimkien ma ċ-ċertifikat tat-twelid, talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta’ l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta’ l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri, kif ukoll id-dikjarazzjoni tiegħu li huwa maħkum mill-vizzju tad-droga u tilef kull kontroll fuqu nnifsu, li ukoll wassal għal dawn l-akkużi. Minħabba f’hekk huwa talab għal għajnuna tal-Qorti fil-forma ta’ trattament.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Keane Gafa, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0370903L, ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta’ priġunerija għal ħames xhur.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta:

a. tas-somma ta’ mitt ewro (€100) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Lara Lanfranco LL.D. fid-digriet tal-10 ta’ Jannar 2024 kif sussegwentement setgħa ġie emendat;
b. tas-somma ta’ mitt ewro (€100) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Astrid May Grima LL.D. fid-digriet tad-29 ta Lulju 2024, kif sussegwentement setgħa ġie emendat;
c. tas-somma ta’ mitt ewro (€100) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. fid-digriet tal-4 ta’ Novembru 2018 kif sussegwentement setgħa ġie emendat;

Il-Qorti, peress li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga, qiegħda tagħmel ordni ta’ trattament għal perjodu ta’ sentejn (2) u dan sabiex l-imputat jagħraf joħroġ mill-vizzju tal-abbuż mid-droga, u dan skont id-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma

parti integrali minnha. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti qiegħda tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati fil-proċeduri kollha msemmija fil-paragrafi preċedenti.

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawżi msemmija fil-punti 'a' sa 'c' hawn fuq, kif ukoll lid-Direttur fid-Direttorat tal-Probation u Parolu sabiex jiġi appuntat Uffiċjal tal-Probation addett għas-sorveljanza tal-ħati skont l-ordni ta' trattament odjerna.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------